Verżjoni Elettronika



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,039, 18 ta' April, 2023*
*Taqsima B*

**A.L. 93 tal-2023**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 298 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew mill-1 ta' Ottubru 2023 jew wara.

**L-Emenda tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (b) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) grad ta' livell ta' Master fil-Liġi li tinkludi komponent ta' riċerka ta' mill-anqas 30 krettu ECTS jew grad mogħti minn università oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat u li l-Bord jikkunsidra bħala ekwivalenti."